Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

2023/2104(INL)

22.1.2024

ABBOZZ TA’ RAPPORT

dwar sistema permanenti għall-allokazzjoni ta’ siġġijiet fil-Parlament Ewropew
(2023/2104(INL)

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Korapporteurs: Ana Collado Jiménez, Niklas Nienaß

PR_INL_Composition

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW..3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA.....9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar sistema permanenti għall-allokazzjoni ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew (2023/2104(INL) – (2023/2104(INL))(NLE))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106a(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (2017/2054(INL) – 2017/0900(NLE)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet leġiżlattivi tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (00013/2023 – C9-0319/2023 – 2023/0900(NLE)),

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2023/2061 tat-22 ta' Settembru 2023 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill (76/787/KEFA, KEE, Euratom) u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness ma' dik id-Deċiżjoni ("riżoluzzjoni tat-3 ta' Mejju 2022 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea"),

– wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Prassi Tajba fi Kwistjonijiet Elettorali tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 46, 54 u 90 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0000/2024),

A. billi l-Parlament Ewropew huwa l-unika istituzzjonijiet tal-Unjoni li fiha ċ-ċittadini huma rappreżentati direttament; billi l-fatt li ċ-ċittadini bir-raġun jistennew li jkunu rappreżentati b'mod ekwu f'din l-istituzzjoni huwa kwistjoni ta' leġittimità demokratika;

B. billi l-Artikolu 14(2) tat-TUE jgħid li l-Parlament Ewropew għandu jkun magħmul minn rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni;

C. billi l-Artikolu 14(2) jistabbilixxi proċedura leġiżlattiva speċjali għall-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament; billi l-Parlament għandu d-dritt ta' inizjattiva f'dak li għandu x'jaqsam mal-formulazzjoni ta' proposta dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, filwaqt li l-Kunsill Ewropew jiddeċiedi

b’unanimità u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament; billi s’issa bejn l-istituzzjonijiet għad m’hemmx qbil rigward l-arranġamenti dettaljati għall-applikazzjoni ta’ din il-proċedura leġiżlattiva speċjali;

D. billi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew trid tirrispetta l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), skont liema l-għadd tar-rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni m’għandux jaqbeż is-seba’ mija u ħamsin, minbarra l-President, ir-rappreżentanza taċ-ċittadini għandha tkun digressivament proporzjonali, b’mhux anqas minn sitt membri għal kull Stat Membru, u ebda Stat Membru m’għandu jkun allokat aktar minn sitta u disgħin siġġu;

E. billi l-kalkolu tan-numru ta’ siġġijiet għal kull Stat Membru huwa bbażat fuq id-data tal-Eurostat relatata mal-popolazzjoni residenti tal-Istati Membri inkwistjoni, f’konformità ma’ metodu stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; billi l-kalkolu jinkludi ċ-ċittadini mobbli tal-UE;

F. billi l-Kunsill Ewropew talab diversi drabi lill-Parlament biex jipproponi metodu oġġettiv, ġust, dejjiemi u trasparenti ta’ distribuzzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew; billi, minkejja li eżamina l-kwistjoni, il-Parlament s’issa ma ressaqx proposta relatata ma’ tali metodu ta’ distribuzzjoni; billi hemm stedina mġedda lill-Parlament biex iressaq proposta, peress li d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2023/2061 tat-22 ta’ Settembru 2023 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew titlob li, sa tmiem l-2026 u qabel il-proposta dwar il-kompożizzjoni tiegħu, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew jipproponi metodu ta’ distribuzzjoni tas-siġġijiet oġġettiv, ġust, dejjiemi u trasparenti li jimplimenta l-prinċipju ta’ proporzjonalità digressiva, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet skont it-Trattati; billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tistabbilixxi wkoll li, filwaqt li jitqies l-impatt ta’ żviluppi futuri possibbli, jenħtieġ li metodu bħal dan jissalvagwardja għadd massimu sostenibbli ta’ membri tal-Parlament Ewropew;

G. billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2023/2061 tat-22 ta’ Settembru 2023 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew għal-leġiżlatura 2024-2029 iżżid l-għadd ta’ rappreżentanti fil-Parlament Ewropew minn 705 għal 720 Membru; billi t-Trattat jipprevedi bħalissa limitu massimu ta’ 751 Membru; billi s-soluzzjoni attwali użata biex jiġi evitat it-telf ta’ siġġijiet min-naħa tal-Istati Membri individwali, jiġifieri l-prattika skont liema tintuża r-riżerva ta’ siġġijiet li jkun għad fadal sa ma jintlaħaq il-limitu massimu, la hi sostenibbli u lanqas ma tikkontribwixxi għal distribuzzjoni aktar ekwa tas-siġġijiet; billi din is-sitwazzjoni tissottolinja l-bżonn ta’ ftehim dwar metodu ta’ distribuzzjoni tas-siġġijiet oġġettiv, ġust, dejjiemi u trasparenti;

H. billi, b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tat-TUE, il-Parlament ippropona u l-Kunsill Ewropew approva r-rispett ta’ dawn il-prinċipji li ġejjin:

– in-numru totali ta’ siġġijiet fil-Parlament Ewropew ma għandux jaqbeż is-750, minbarra l-President;

– l-allokazzjoni tas-siġġijiet lill-Istati Membri għandha tkun digressivament proporzjonali, b’limitu minimu ta’ sitt siġġijiet u limitu massimu ta’ 96 siġġu għal kull Stat Membru, filwaqt li tirrifletti kemm jista’ jkun id-daqsijiet tal-popolazzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri;

– il-proporzjonalità digressiva hija ddefinita kif ġej: il-proporzjon bejn il-popolazzjoni u n-numru tas-siġġijiet ta’ kull Stat Membru, qabel l-ittondjar ’il fuq jew ’l isfel għall-eqreb numru sħiħ, għandu jvarja skont il-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom b’tali mod li kull Membru tal-Parlament Ewropew ta’ Stat Membru b’popolazzjoni akbar jirrappreżenta aktar ċittadini minn kull Membru tal-Parlament Ewropew ta’ Stat Membru b’popolazzjoni iżgħar u, fl-istess ħin, aktar ma tkun kbira l-popolazzjoni ta’ Stat Membru, akbar ikun id-dritt tiegħu għal numru kbir ta’ siġġijiet fil-Parlament Ewropew;

– l-allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew għandha tqis l-iżviluppi demografiċi fl-Istati Membri.

I. billi, barra minn dawk il-prinċipji, metodu ta’ distribuzzjoni futur tas-siġġijiet jenħtieġ li jkun oġġettiv u trasparenti f’termini ta’ applikazzjoni proċedurali u użu tad-data, ġust f’termini ta’ parità tal-voti u dejjiemi f’dak li għandu x’jaqsam mal-applikazzjoni tiegħu, indipendentement mill-varjazzjonijiet tal-popolazzjoni tal-Istati Membri, min-numru ta’ Stati Membri u min-numru totali tas-siġġijiet tal-PE;

J. billi jeħtieġ li jiġi żgurat li l-metodu ta’ distribuzzjoni jkun biżżejjed flessibbli li jqis il-mewġiet futuri tat-tkabbir tal-UE u ta’ eventwali modifiki tad-dritt tal-Unjoni applikabbli, b’mod partikolari t-Trattati jew il-liġi elettorali tal-UE;

1. Jissottolinja li deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew hija prerekwiżit għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej; jisħaq fuq il-fatt li, bi qbil mal-linji gwida tal-Kummissjoni ta’ Venezja, tali elezzjonijiet jenħtieġ li jkunu liberi, universali, ekwi, diretti u sigrieti;

2. Jilqa’ pożittivament il-fatt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2023/2061 inkarigat lill-Parlament biex jipproponi metodu ta’ distribuzzjoni tas-siġġijiet oġġettiv, ġust, dejjiemi u trasparenti li jimplimenta l-prinċipju tal-proporzjonalità digressiva, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet previsti mit-Trattati;

3. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-rekwiżiti tat-Trattat u r-realtajiet politiċi wasslu għal ftehimiet dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew negozjati *ad hoc* għal kull mandat; josserva li r-raġuni tal-politiċizzazzjoni hija l-għan ta’ kull Stat Membru li jnaqqas kemm jista’ jkun it-telf ta’ siġġijiet u jimmassimizza n-numru ta’ siġġijiet iggwadanjati f’termini assoluti jew relattivi; jenfasizza li, fl-aħħar żewġ deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tas-siġġijiet, ġew allokati siġġijiet li saru disponibbli wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE; jenfasizza li, fit-terminu twil, din l-istrateġija mhijiex sostenibbli, minħabba l-limitazzjoni ta’ massimu ta’ 751 siġġu previst mit-Trattat u minħabba l-effetti potenzjalment distorsivi ta’ soluzzjoni politika, u dan jagħmel aktar diffiċli li jintlaħaq ftehim dwar allokazzjoni ekwa fil-futur;

4. Jissottolinja li metodu ta’ distribuzzjoni tas-siġġijiet toffri potenzjal kbir biex fil-futur tiġi prevista sistema permanenti ta’ allokazzjoni tas-siġġijiet tal-Parlament Ewropew b’mod oġġettiv, ġust, dejjiemi u trasparenti;

5. Jenfasizza li, fl-għażla tal-formula l-aktar adatta, jeħtieġ li tingħata prijorità lil kriterji oġġettivi u bbażati fuq data konkreta; jemmen ukoll li jista’ jiġi kkunsidrat li jsiru modifiki tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat;

6. Jemmen bis-sħiħ li huma disponibbli fil-pront konsulenzi ta' esperti dwar sistema permanenti ta' allokazzjoni tas-siġġijiet; jenfasizza li, fid-dawl tar-realtajiet politiċi eżistenti, huwa fundamentali li tinstab l-aktar sistema adatta, filwaqt li ssir riflessjoni dwar l-adattamenti u l-alternattivi;

Prinċipji u kriterji ta' allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew

7. Josserva li l-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi għadd ta' kriterji numeriċi għall-allokazzjoni tas-siġġijiet bejn l-Istati Membri, billi jimponi limiti minimi u massimi għan-numru ta' siġġijiet allokati u jistabbilixxi n-numru kumplessiv ta' Membri tal-Parlament Ewropew; josserva barra minn hekk li t-Trattat jispeċifika wkoll li l-allokazzjoni tas-siġġijiet għandha tkun digressivament proporzjonali; jissottolinja li kwalunkwe formula trid tirrispetta dawn il-kriterji;

8. Jissottolinja li kwalunkwe metodu li jintgħażel jenħtieġ li jkun trasparenti; ikompli għaldaqstant isostni l-użu tad-data tal-Eurostat, disponibbli għall-pubbliku, bħala s-sors uffiċjali tad-data demografika għal finijiet ta' kalkolu; isostni bis-sħiħ ukoll l-użu tal-istess data demografika bħala bażi biex tiġi kkalkolata l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill;

9. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-metodu li jintgħażel jenħtieġ li jinftiehem, u b'hekk jiġi evitat livell ta' kumplessità li ċ-ċittadini ma jistgħux jifhmu;

10. Josserva li l-proporzjonalità digressiva hija vvalutata abbażi tal-proporzjon ta' rappreżentanza taċ-ċittadini ta' Stat Membru partikolari, li jfisser li l-proporzjon tal-popolazzjoni ta' Stat Membru relattiv għan-numru ta' siġġijiet tiegħu qabel l-ittondjar; josserva li l-proporzjonalità digressiva timplika li dan il-proporzjon ivarja minn Stat Membru għall-ieħor; josserva wkoll li aktar ma l-popolazzjoni ta' Stat Membru tkun kbira, aktar tali Stat Membru jkollu dritt għal numru ta' siġġijiet għoli, u anki l-proporzjon bejn il-popolazzjoni u n-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew jiżdied; jinnota u jirrikonoxxi li l-proporzjonalità digressiva timplika sottorappreżentanza taċ-ċittadini tal-Istati Membri b'popolazzjoni akbar u sovrarappreżentanza taċ-ċittadini tal-Istati Membri b'popolazzjoni iżgħar; jemmen li dan il-prinċipju huwa ġġustifikat fid-dawl tal-qafas istituzzjonali attwali tal-UE;

11. Huwa tal-fehma li sistema permanenti bbażata fuq formula teħtieġ tkun dejjiema u għaldaqstant biżżejjed flessibbli biex tqis il-varjazzjonijiet demografiċi, il-mewġiet futuri ta' tkabbir u l-eventwali modifiki tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi applikabbli, pereżempju l-liġi elettorali jew il-modifiki tat-Trattati;

12. Jisħaq fuq il-fatt li metodu ġust irid jinkludi elementi li jsibu bilanċ bejn l-interessi taċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha, filwaqt li jirrispetta wkoll il-bilanċ ġenerali tas-sistema istituzzjonali prevista mit-Trattati f'dak li għandu x'jaqsam mas-setgħa deċiżjonali indiretta taċ-ċittadini tal-Unjoni, rappreżentati mill-Membri tal-Parlament Ewropew u mill-gvernijiet tagħhom fil-Kunsill;

L-għażla tas-sistema l-aktar adatta

13. Josserva li d-definizzjoni ta' proporzjonalità digressiva, kif rikonoxxuta mill-Parlament

Ewropew1 u mill-Kunsill Ewropew2, ma timplikax metodu partikolari ta' distribuzzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew, iżda li, f'termini matematiċi, jeżisti numru infinit ta' għażliet;

14. Jiġbed l-attenzjoni għall-eżistenza ta' numru kbir[3] ta' rakkomandazzjonijiet preċedenti dwar il-formula;

15. Josserva li r-rakkomandazzjonijiet preċedenti dwar l-allokazzjoni tas-siġġijiet kien fihom diversi elementi; josserva li fost dawn l-elementi hemm numru fiss ta' siġġijiet ta' bażi għall-Istati Membri kollha u l-allokazzjoni tas-siġġijiet li jkun għad fadal fi proporzjon mad-data demografika rispettiva, b'limitu massimu ta' 96 siġġu; jisħaq li dawn ir-rakkomandazzjonijiet, bħall-hekk imsejjaħ "kompromess ta' Cambridge", ġew ikkritikati talli ma rrispettawx, f'ċerti ċirkostanzi, il-kriterji previsti mit-Trattati, bħall-proporzjonalità digressiva;

16. Josserva barra minn hekk li l-"kompromess ta' Cambridge" ġie kkritikat talli ttraskura l-interessi taċ-ċittadini tal-Istati Membri ta' daqs medju li b'hekk tilfu xi siġġijiet; ifakkar li, biex tiġi kontrobilanċjata din it-tendenza relatata mal-"kompromess ta' Cambridge", hemm bżonn riforma qawwija tas-sistema tal-vot b'maġġoranza kwalifikata fis-seħħ fil-Kunsill; jirrikonoxxi li, sfortunatament, minħabba ostakli politiċi kbar, bħal modifika tat-Trattati, dawn ir-riformi qatt ma saru;

17. Jisħaq fuq il-bżonn li kwalunkwe metodu li jintgħażel iżomm il-vantaġġi tal-formuli magħrufin, filwaqt li jnaqqas kemm jista' jkun l-iżvantaġġi tagħhom; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-elementi tas-sistema ta' allokazzjoni tas-siġġijiet relatati mas-"siġġijiet ta' bażi" jistgħu jintużaw biex jiżguraw ir-rappreżentanza demokratika taċ-ċittadini tal-Istati Membri iżgħar, filwaqt li l-elementi proporzjonali jiżguraw li aktar ma tkun kbira l-popolazzjoni ta' Stat Membru, akbar ikun in-numru ta' siġġijiet allokat għal tali Stat Membru; jenfasizza li s-siġġijiet allokati b'mod proporzjonali għall-għerq kwadrat tal-popolazzjoni tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiżguraw proporzjonalità digressiva u r-rappreżentanza demokratika taċ-ċittadini tal-Istati Membri żgħar u ta' daqs medju; jemmen li l-kombinazzjoni ta' dawn l-elementi tista' tinqaleb f'formula matematika u sservi ta' bażi għas-sistema ta' allokazzjoni l-aktar adatta; jemmen li tali sistema ta' allokazzjoni jenħtieġ li tkun proposta u adottata fil-forma ta' deċiżjoni politika;

18. Jipproponi li s-sistema ta' allokazzjoni tas-siġġijiet il-ġdida jenħtieġ li tiġi applikata għall-allokazzjoni tas-siġġijiet fost l-Istati Membri mil-leġiżlatura li tiġi wara l-leġiżlatura li jmiss wara l-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni;

19. Jemmen li s-sistema ta' allokazzjoni tas-siġġijiet se tippermetti lill-Parlament Ewropew jadotta malajr il-proposta tiegħu lill-Kunsill Ewropew dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew; jiddeċiedi li jagħmel din is-sistema ta' allokazzjoni tas-siġġijiet il-

[1] Ir-Riżoluzzjonijiet leġiżlattivi tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (00013/2023 – C9-0319/2023 – 2023/0900(NLE)).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2023/2061 tat-22 ta' Settembru 2023 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

[3] Fost dawn il-formuli hemm il-kompromess ta' Cambridge, il-metodu Power, il-metodu paraboliku, il-metodu D'Hondt, il-metodu "0.5 DPL" u l-metodu "FPS" (fiss, proporzjonat għall-popolazzjoni, għerq kwadrat tal-popolazzjoni).

bażi tal-proposta tiegħu lill-Kunsill Ewropew; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hija rikjesta l-approvazzjoni tal-Parlament għad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew; jiddeċiedi barra minn dan li ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu lid-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, jekk din id-deċiżjoni titbiegħed mill-allokazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tas-sistema ta' allokazzjoni proposta mill-Parlament;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva, kif ukoll il-proposta annessa magħha, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

li tistabbilixxi metodu ta' distribuzzjoni tas-siġġijiet għall-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Parlament Ewropew[1],

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[2],

Billi:

(1) L-Artikolu 14(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jistabbilixxi l-kriterji għall-kompożizzjoni tal-Parlament.

(2) L-Artikolu 10 tat-TUE jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva u fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew u l-Istati Membri huma rappreżentati fil-Kunsill mill-gvernijiet tagħhom, li jkunu demokratikament responsabbli kemm lejn il-Parlamenti nazzjonali tagħhom, kif ukoll lejn iċ-ċittadini tagħhom.

(3) L-Artikolu 14(2) tat-TUE għalhekk japplika fil-kuntest tal-arranġamenti istituzzjonali usa' stabbiliti fit-Trattati, li jinkludu wkoll id-dispożizzjonijiet dwar teħid ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-allokazzjoni tas-siġġijiet abbażi tal-popolazzjoni residenti tal-Istati Membri, għandhom jiġu rispettati dawn il-prinċipji li ġejjin:

---

1 Proposta adottata fi ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

2 Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

– l-allokazzjoni tas-siġġijiet lill-Istati Membri għandu tkun digressivament proporzjonali, u tirrifletti kemm jista' jkun id-daqsijiet tal-popolazzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri,

– il-proporzjonalità digressiva hija ddefinita kif ġej: il-proporzjon bejn il-popolazzjoni u n-numru tas-siġġijiet ta' kull Stat Membru, qabel l-ittondjar 'il fuq jew 'l isfel għall-eqreb numru sħiħ, ivarja skont il-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom b'tali mod li kull Membru tal-Parlament Ewropew ta' Stat Membru b'popolazzjoni akbar jirrappreżenta aktar ċittadini minn kull Membru tal-Parlament Ewropew ta' Stat Membru b'popolazzjoni iżgħar u, fl-istess ħin, aktar ma tkun kbira l-popolazzjoni ta' Stat Membru, akbar ikun id-dritt tiegħu għal numru kbir ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew,

- l-allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew għandha tqis l-iżviluppi demografiċi fl-Istati Membri.

Artikolu 2

Il-popolazzjoni totali tal-Istati Membri hija kkalkolata mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi tad-data fornuta mill-Istati Membri, f'konformità ma' metodu stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

Artikolu 3

1. In-numru ta' rappreżentanti fil-Parlament Ewropew eletti mil-leġiżlatura li tiġi wara l-leġiżlatura li jmiss wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

[spazju riżervat]

Artikolu 4

F'mument biżżejjed 'il bogħod qabel il-bidu tal-leġiżlatura li tiġi wara l-leġiżlatura li jmiss wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-Parlament Ewropew għandu jippreżenta lill-Kunsill Ewropew, skont l-Artikolu 14(2) tat-TUE, proposta għal allokazzjoni aġġornata tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew ikkalkolata skont il-formula prevista fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi …,

Għall-Kunsill Ewropew
Il-President

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).